ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Vici Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Attivita tal-Karnival;
4. Segretarju Ezekuttiv gdid;
5. Financial Statements 2014;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 32 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Kien hemm xi rimarki zghar u s-Segretarju emendhom mill-ewwel. Is-Sindku ppropona li jkunu addottati, issekonda il-kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ircieva Memo 30/2014 dwar Spazji Pubblici li qed jahdem fuqha is-Sindku. Fil-laqgha precedenti s-Sindku kien indika kif ser iwiegeb dwar din il-Memo u l-Kunsill qabel.

b. Is-Segretarju qalet li se tapplika ghal zewg persuni taht li skema Youth Guarantee biex jigu jghamlu 12 il-gimgha jahdmu mall-Kunsill.

c. IS-Segretarju qalet li wara li ghaddiet kopji tat-tenders ghall-Online Streaming lid-Dipartiment, giet infurmata li l-Kunsill jista jaccetta wiehed mit-tenders ghax bazikament huma l-istess. Wara diskussjoni il-Kunsill ghazel it-tender ta’ AID limited u gie konfermat biex is-Segretarju tikkuntattja lil din il-kumpanija biex jigu nstallati l-cameras ghall-Online Streaming.

**3. Attivita tal-Karnival**

Il-Kunsillier Fenech qal li s-sena l-ohra l-Kunsill kien se jinghata fondi biex issir l-attivita tal-karnival. Din l-attivita kienet saret izda l-fondi li l-Kunsill suppost inghata s-sena l-ohra ma inghatawx u se jinghataw din is-sena.

Il-Kunsillier Fenech kompla jghid li l-Kunsill jipprezenta rcevuti li jkunu thallsu biex dawn jigu mhallsin lura l-Kunsill. Is-Sur Fenech qal li l-attivita se tigi organizzata izda l-Kunsill mhux se jkun jaf ezatt kemm din l-attivita se tigi tiswa. Il-Kunsill ma inghatax cifra kemm irid jonfoq

izda dak li jonfoq se jigi rifondut lura, kemm l-hlas tal-Pulizija, trophies, billboards, prezentaturi, u spejjez ohra relatati ma‘ l-attivita.

Il-Vici Sindku issugerixxa li jingiebu kwotazzjonijiet biex l-Ghaqdiet tar-rahal jarmaw il-bandalori.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sur Fenech kompla li l-attivita ser issir il-Hadd u se jinvolvi l-baned tal-kazini biex idoqqu.

Is-Sinjura Schembri qalet li il-focus tal-karnival l-aktar li jkun l-Belt.

Is-Sur Fenech qal li se jipprova li fil-program li jitqassam tal-karnival se jipprova jinkludi lil Hal Ghaxaq.

Il-Kunsillier Fenech qal li bhas-sena l-ohra nhar it-Tnejn u Tlieta tal-karnival ser jorganizza kompetizzjoni. Kompla jghid li ser jingiebu gruppi taz-zfin u nies ohra biex jallegraw in-nies.

Is-Sur Fenech qal li ser issir *Press Conference* nhar il-14 ta’ Frar u bhala prezentaturi tas-serata ser ikun hemm s-Sinjorina Christine Dalli u Julie Pomorski. Se jitqassmu leaflets u jsiru zewg billboards, wahda il-Marsa u l-ohra hdejn l-ajruport.

Is-Sur Fenech qal li l-ispejjez li jsiru jigu kompensati anke jekk issir xi tindif wara l-attivita.

Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jorganizza *shuttle bus service* ghal Hal Ghaxaq.

Il-Kunsill qabel dwar dan kollu li jsir ghalkemm is-Sur Fenech qal li jista jkun hemm xi tibdil u anke regolamenti x’jista jsir u ma jsirx.

Is-Segretarju staqsiet jekk ikun hemm min ikun irid jarma gabbani, l-Kunsill hux lest li jghati permess.

Il-Kunsill qabel li jekk jinghataw il-permessi ghall-gabbani dawn ikunu mill-Kazin ta’ Santa Marija l-isfel u mill-għassa tal-pulizija il-fuq.

Il-Kunsillier Fenech qal li t-trophies li inghataw ghal sena jehtieg li jingiebu lura.

**4. <u>Segretarju Ezekuttiv gdid</u>**

Il-Kunsillier Fenech qal li s-Sinjura Fiona Said qed tistenna l-approvazzjoni tal-Ministru biex tkun tista tibda tahdem mal-Kunsill ta' Hal Ghaxaq.

Is-Segretarju qalet li ma ghandux ikun hemm problemi ghax minn naha tal-Kunsill taghna l-affarijiet saru kif suppost u minn naha tal-Kunsill fejn qeghda is-Sinjura Said jistghu japplikaw ghall-agent segretarju.

Is-Segretarju qalet liser isegwi il-process fejn wasal.

ĦAL GĦAXAQ

6. **<u>Financial Statements 2014</u>**

Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar il-finanzi biex inkellmu lil-Accountant biex jghalaq is-sena 2014.

Is-Segretarju qalet li hi se tigbor l-affarijiet kollha biex tghaddijhom lil Accountant u dan ta' l-ahhar ilesti kollox u jghamel laqgha all-Kunsill.

7. **<u>Suggerimenti mill-Kunsilliera</u>**

a. Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk il-Kunsill irciev hiex xi flus ghat-Triq San Gorg.

   Is-Segretarja qalet li kienet qed tistenna certifikazzjoni tat-testijiet tat-toroq minghand il-Perit tal-Kunsill, is-Sindku qabel maghha u qal li hu kellem lil Perit dwar dan u qed jistenna risposta.

b. Il- Vici Sindku Vassallo qal li hemm bank il-bandli ta' Triq il-Hatem Rokku biex jitranga. Is-Sindku qal se jiehu hsieb.

c. Is-Sindku qal li s-Sur John Gafa ħa xi qtates għan-*neutering* u barra li kellu xi vouchers, hallas ukoll xi flus. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li s-Sur Gafa jigi u jispjega ruħu waqt laqgħa tal-Kunsill.

d. Is-Sindku qal li waslet talba l-Kunsill biex issir *sleeping police* fi Triq San Sebastian Saliba. Il-Kunsill qabel li tintbghat email lil Transport Malta dwar dan.

e. Is-Sindku qal li tal-IPSL offrew li jghaddu karozza lil KUnsill ghal prezz ta' 250 euro. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li l-ewwel jaraw xi spejjez hemm involuti u wara ssir id-decizjoni.

Bottom of Form

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**11. Aġġornament**

Is-Sindku fit-8.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 27 ta'Jannar 2015, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Ikkonfermati:- , It-Tlieta 27 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm**